MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1932/1998/1

**Emanuel u Marvic konjugi Cassar**

**v.**

**Mario Aquilina**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Settembru 1998 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew: -

Illi l-attur Emanuel Cassar huwa sid il-vettura tat-tip Isuzu van bin-numru tar-registrazzjoni numru DAC 212;

Illi l-attur f'April 1998 kien ikkunsinna l-vettura lill-konvenut, sabiex il-konvenut jaghmel xogholijiet necessarji fuq l-imsemmija vettura;

Illi l-attur meta kkunsinna l-imsemmija vettura ghadda c-cwievet tal-vettura lill-konvenut, li ta l-kunsens tieghu u accetta li jaghmel ix-xogholijiet necessarji fuq l-imsemmija vettura;
Illi l-konvenut waqt li kellu l-vettura numru DAC 212 proprjeta` ta’ l-atturi fil-kustodja tieghu halla l-imsemmija vettura barra fit-triq u naqas li jiehu hsieb il-vettura proprjeta` tal-atturi daqs kemm jiehu hsieb fil-kustodja ta’ hwejgu;

Illi fil-lejl ta’ bejn l-ewwel u t-tnejn ta’ Gunju 1998 waqt li l-imsemmija vettura kienet fil-kustodja tal-konvenut, l-imsemmija vettura garrbet hsarat irreparabbbli filli hadet in-nar u b’hekk l-atturi sofrew danni fil-vettura proprjeta` taghhom ammontanti ghas-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500);

Illi l-konvenut minkejja li kien drabi interpellat sabiex jillikwida d-danni baqa' inadempjenti;

Talbu lil din il-Qorti:

1) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli li naqas li jiehu hsieb il-vettura Izuzu numru tar-registrazzjoni DAC 212 proprjeta` tal-atturi, bid-diligenza kif rikjesta bil-ligi, u dana meta l-imsemmija vettura kienet fil-kustodja tal-konvenut;
2) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi ammontanti ghas-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), jew somma verjuri likwidata mill-Qorti meta l-van proprjeta` tal-atturi numru DAC 212, fil-lejl ta’ bejn l-ewwel u tnejn ta’ Gunju 1998 garrab hsarat irreparabbli waqt li l-istess van kien fil-kustodja tal-konvenut;
3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) jew somma verjuri likwidata mill-Qorti rapprezentanti danni sofferti minnhom meta l-vettura proprjeta` taghhom numru DAC 212 garrbet hsarat irreparabbli waqt li kienet fil-kustodja tal-konvenut.

Bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Aquilina fejn qal:-

(1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjent ha hsieb tal-vettura daqs kemm jiehu hsieb hwejjgu stess, u cioe` fil-grad ta’ *bonus paterfamilias* hekk kif rikjest mill-ligi;
(2) Illi l-eccipjent mhux responsabbli ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern stante illi hu ma kellux kontroll fuq l-istess cirkostanzi, li sehhew b’forza magguri ai termini ta’ l-Artikolu 1901 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jridu jgibu l-prova li huma s-sidien tal-vettura DAC-212 in kwistjoni;
(4) Illi, wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent qed jikkontesta l-kwantum tad-danni mitluba mill-atturi;
(5) Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-13 ta' April 1999 li permezz tieghu gie nominat Joseph Zammit bhala perit tekniku sabiex jistabilixxi l-valur tal-vettura Isuzu DAC-212;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku debitament mahluf fil-11 ta' Dicembru 2001;

Rat il-verbali kollha tax-xiehda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-attur kien iddepozita l-van Isuzu numru DAC-212 ghand il-konvenut sabiex dan jaghmel it-tiswija necessarja tas-*cylinder head*. Il-konvenut jezercita s-sengha ta' *auto mechanic* f'Tal-Handaq, f'lokalita` pjuttost miftuha u ma tantx abitata. Waqt li l-van kien ghadu fil-kustodja tal-konvenut, xi hadd mhux maghruf ta n-nar minn gol-kabina tal-van u n-nar infirex mal-van kollu b'mod li nqered ghal kollox salv ghal xi bicciet li, skond ir-

relazzjoni ta' l-espert tekniku, ma jiswew xejn hlief bhala *scrap value*.

Kuntrarjament ghal dak allegat mill-atturi, il-konvenut isostni li huwa mexa bid-diligenza tal-*bonus paterfamilias*.

Issa, jirrizulta li l-konvenut ma dahhalx il-van ta' l-atturi fil-garaxx tieghu ghax qal li ma kellux post. Fil-fatt meta l-Pulizija acedew fuq il-post meta l-van imsemmi nhakem min-nar, sabu l-van f'ghalqa zdingata faccata tal-garaxx tal-konvenut. Meta l-konvenut beda jahdem fuq il-van, kien talab lill-attur jixtrilu xi *parts*. Dan hekk ghamel u kkonsenjahom lill-konvenut. Nonostante dan, il-konvenut baqa' ma lestilux ix-xoghol, u xi tliet gimghat wara li kien xtara l-*parts* gara l-incident in kwistjoni.

L-artikolu 1899 tal-Kodici Civili jiddisponi hekk:

**"Id-depozitarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depozitu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu."**

Dan hu l-istess kriterju *uti in rem suam* preskritt mill-Kodici Civili fl-artikolu 1132 ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjonijiet in generali, cioe` li d-depozitarju ghandu jezercita d-diligenza tal-*bonus paterfamilias*.

Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut naqas li jimxi skond dan il-kriterju meta accetta li jzomm il-van fil-kustodja tieghu fi zmien li l-garaxx tieghu kien mimli. Ghalkemm l-attur seta' ma oggezzjonax ghall-bidu li l-van jibqa' barra, jidher car li wera l-preokkupazzjoni tieghu lill-konvenut ghall-fatt li dan baqa' jhallieh barra. Naqas imbaghad il-konvenut, meta, ghalkemm beda jahdem fuq il-van, ma kkonkludiex ix-xoghol tempestivament nonostante li l-attur kien ikkonsenjalu l-*parts* kollha li kellu bzonn biex ilesti x-xoghol. Lanqas jista' l-konvenut jeccepixxi l-forza magguri meta kien jaf li, almenu f'okkazjoni ohra kif jammetti hu stess, kienet saritlu vendikazzjoni fuq karrozza ohra li kienet ghandu ghat-tiswija u li kien halla barra. Konsegwentement il-konvenut ghandu jitqies responsabbli ghad-danni li garrbu l-atturi. In vista tat-tielet eccezzjoni

tal-konvenut, jinghad li mid-dokumenti A u B ( afol. 17 u 18 tal-process) jirrizulta li l-attur huwa effettivament is-sid registrat tal-van in kwistjoni.

Kwantu ghad-danni, l-atturi qed jitolbu li dawn jigu likwidati fis-somma ta' Lm1,500 "jew somma verjuri". Mir-rapport ta' l-espert tekniku jirrizulta li l-van in kwistjoni ma jissewwiex u m'ghadux tajjeb aktar biex jintuza fit-triq. Jirrizulta wkoll li l-valur tieghu qabel ma garrab il-hsara kawzata min-nar kien ta' Lm1,500 u kull ma ghandu valur dak li fadal minnu huwa ta' *scrap value* ta' Lm40. Ghalhekk id-danni qed jigu likwidati fis-somma ta' Lm1500 - Lm40 = Lm1,460.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvneut, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli li naqas li jiehu hsieb il-vettura Isuzu numru DAC-212 proprjeta` ta' l-atturi bid-diligenza rikjesta bil-ligi u dan meta l-imsemmija vettura kienet fil-kustodja tieghu,
(2) Tiddikjarah responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elf erba' mija u sittin liri Maltin (Lm1,460), u
(3) Tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' elf erba' mija u sittin liri Maltin (Lm1,460) rapprezentanti danni sofferti minnhom meta l-vettura proprjeta` taghhom numru DAC-212 garrbet hsarat irreparabbli waqt li kienet fil-kustodja tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------